**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Dicembru 2023**

Rikors Numru: 50/23 AL

A B

vs

C D E F

(M.R. Numru 2104/2015)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil- guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi hija żżewġet lill-intimat nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) estratt taċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi hija sseparat legalment minn mal-intimat permezz ta' kuntratt bonarju ta' separazzjoni datat dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, kopja tal-istess anness u mmarkat bħala Dok. B;

3. Illi l-konjugi għalhekk ilhom separati mid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u għalhekk ferm oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mil-liġi;

4. Illi ma twieldux ulied bejn il-partijiet u għaldaqstant l-ebda manteniment f'dan ir-rigward m'hu dovut;

5. Illi l-partijiet m'għandhom ebda pendenza ta' manteniment ieħor bejniethom stante skont il-kuntratt tas-separazzjoni huma ddekadew reciprokament mid-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin;

6. Illi l-partijiet ma hemmx lok li jerġgħu jirrikonciljaw u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-mittenti jixtieq jottjeni d-divorzju jew hall taż-żwieġ, u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taż-żwieġ;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet.biex. dan.. jigi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha eccepixxa:

Illi l-intimat ma jopponix t-talba sabiex dina l-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u jaqbel ma' dak kollu dikjarat fir-rikors tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant l-intimat jitlob illi t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha bdan li m'ghandux ibati l-ispejjez.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Frar 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Ottubru 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.